MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1471/2002/1

**Michelle Handley f'isimha propju u ghan-nom u in rappresentanza tat-tfal minuri taghha Warren u Arianna**

**Vs.**

**Silvio Muscat**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attrici pro et nomine talbet li l-konvenut ihallas Lm1075 (elf u hamsa u sebghin lira Maltin) rappresentanti manteniment skond kuntratt ta' separazzjoni.

Ra l-kuntratt ta' separazzjoni esebit bhala Dok A.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn gie eccepit li l-kawza giet intavolata inultilment stante li l-kuntratt huwa titolu ezekuttiv fih innifsu. Illi t-talba ma tindikax ghal liema perjodu hu dovut dan l-ammont u li fil-mertu minghajr

pregudizzju ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni l-ammont mitlub mhux dovut.

Sema lil attrici li qalet li t-talba taghha ghal Lm1075 huwa ghal perjodu bejn is-7 ta' Novembru 2001 u l-14 ta' Lulju 2002. L-attrici qalet li sa fejn taf hi r-ragel taghha qieghed jahdem f'Hotel San Antonio, Qawra.

Illi fir-risposta tieghu l-konvenut jallega li l-kawza giet intavolata inutilment ghaliex l-kuntratt huwa titolu ezekuttiv.

Illi fil-fatt skond il-kuntratt (artikolu K) l-konvenut obbliga ruhu li ihallas Lm25 fil-gimgha meta ikun qed jahdem u Lm10 fil-gimgha meta ma jkunx. Illi l-konvenut obbliga ruhu li ihallas ukoll Lm5 fil-gimgha lil martu. Illi l-attrici issostni li ghalhekk kellha tippresenta din il-kawza sabiex tressaq provi fis-sens li l-konvenut qieghed jahdem.

Illi l-attrici kienet ghalhekk gustifikata li tippresenta din il-kawza.

Illi l-konvenut issotometta ukoll li l-attrici ma indikatx ghal liema perjodu hu dovut l-ammont in kwistjoni.

Illi l-perjodu gie debitament indikat fix-xhieda.

Illi fl-ahhar il-konvenut qal li "ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni  l-ammont mhux dovut.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn allega li hallas l-ammont ta' Lm260 mil-perjodu bejn is-7 ta' Novembru 2001 u 14 ta' Lulju 2002 izda ma ghandux ircevuti. Il-konvenut ikkonferma li ma jistax jaffordja ihallas Lm100 fix-xahar izda kien jaghti Lm40 biss. Il-konvenut ikkonferma li kien hemm sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn gie kkundannat ihallas l-manteniment.

Illi l-konvenut naqas li jeccepixxi l-pagament fir-risposta tieghu. Illi l-konvenut kellu jipprova li hallas l-ammont ta' Lm260. Illi l-konvenut mhux kredibli fix-xhieda tieghu

ghaliex kieku hallas kien jecepixxi l-istess fir-risposta tieghu. Illi l-konvenut kien jaf li martu u l-Pulizija bdew proceduri kontra tieghu minhabba nuqqas ta' pagament ta' manteniment u ghalhekk wiehed kien jistenna li jitlob rcevuta jew ihallas b'cheque u ikun jaf ezatt kemm hallas u meta. Illi f'kull kaz l-konvenut kellu ihallas spejjes legali lil attrici u hi kellha d-dritt tikkredita l-ewwel hlasijiet tieghu ghal dawn l-ispejjes.

Billi ma hemm ebda ragjuni ghaliex it-Tribunal ma ghandhux jemmen lil attrici, it-Tribunal jilqa t-talba attrici u jordna lil konvenut ihallas lil attrici s-somma ta' Lm1075 rappresentanti manteniment skond il-kuntratt ta' separazzjoni ghal perjodu bejn is-7 ta' Novembru 2001 u 14 ta' Lulju 2002.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**Av. Philip Manduca**
**Gudikant**